GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR230167 | 01.02.2023 | 4 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***"L-għarfien dwar l-għeruq tagħna huwa importanti ħafna u dan aktar meta rridu ngħaddu dak miksub lil ta' warajna" - L-Ispeaker***

"L-għarfien dwar l-għeruq tagħna huwa importanti ħafna u dan aktar meta rridu ngħaddu dak miksub lil ta' warajna", tenna l-Ispeaker Anġlu Farrugia meta aktar kmieni waranofsinhar ġie ppreżentat bil-ktieb "Ta' Fuq", mill-membri tas-Soċjetà Kalkariża Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja.

L-Ispeaker irringrazzja lill-membri tas-Soċjetà Kalkariża Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja li investew sabiex għamlu din ir-riċerka u waslu għal din il-pubblikazzjoni li fiha tinstab minjiera ta' informazzjoni miġbura li, fiż-żmien li ġej, żgur se tkun ta' valur għal dawk li ser ikunu qed imexxu l-istess soċjetà.

Dan il-ktieb jittrata il-125 sena anniversarju mit-twaqqif ta' soċjetà, b'ħidma estensiva minn diversi individwi flimkien mar-riċerkatur u awtur tal-ktieb, il-Kav. Duncan Brincat.